RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1881 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2023

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2021

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2021,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0131/2023),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") għas-sena finanzjarja 2021 kien ta' EUR 129 179 801,95, li jirrappreżenta żieda ta' 25,39 % meta mqabbel mal-2020, prinċipalment minħabba r-riżorsi addizzjonali mogħtija fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]); billi l-baġit tal-Awtorità huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2021 ("ir-rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit, matul is-sena finanzjarja 2021, irriżultaw f'implimentazzjoni tal-baġit ta' rata tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena attwali ta' 99,99 %, li tirrappreżenta żieda ċkejkna ta' 0,01 % meta mqabbla mal-2020; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tas-sena attwali kienet ta' 88,85 %, li tirrappreżenta żieda ta' 0,44 % meta mqabbla mal-2020;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-pjan ta' ħidma tal-Awtorità għall-2021 ġie eżegwit skont l-Istrateġija 2020, li l-bord ta' ġestjoni ddeċieda li jestendi għal sena addizzjonali minħabba l-pandemija tas-SARS-CoV-2;

3. Jinnota l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma mill-Awtorità u l-livell tajjeb ta' prestazzjoni miksub f'termini tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u r-riżultati tal-Awtorità; jinnota li l-Awtorità rrevediet il-qafas tal-prestazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħha fl-2021 biex tallinjah mal-Istrateġija 2027 tal-Awtorità, adottata fl-2021, u implimentat bidliet fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/1381; jinnota, barra minn hekk, iż-żieda fir-responsabbiltà tal-Awtorità fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni wara li l-emenda għar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) daħlet fis-seħħ ukoll; jinnota, barra minn hekk, li l-awtorità adottat id-Dokument ta' Programmazzjoni 2022-2024 tagħha;

([1]) ĠU C 141, 29.3.2022, p. 69.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE, (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

4. Jinnota li t-tneħħija ta' prijoritizzazzjoni ta' wħud mill-attivitajiet inizjalment ippjanati biex l-Awtorità tkun lesta għall-bidliet relatati mar-Regolament (UE) 2019/1381 ħolqot xogħol b'lura li nġarr għall-2021, u dan ikkawża dewmien fil-ġenerazzjoni ta' titjib fl-effiċjenza; jistieden lill-Awtorità tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward;

5. Jilqa' l-isforzi magħmula mill-Awtorità biex issaħħaħ il-kollaborazzjoni tagħha ma' aġenziji oħrajn tal-Unjoni, li b'mod partikolari jiffokaw fuq żewġ aspetti, il-kondiviżjoni tal-ħtiġijiet għall-għoti u l-akkwist biex tkun tista' ssir identifikazzjoni tal-proċeduri konġunti ta' akkwist u l-kondiviżjoni ta' teknoloġiji u ta' riżorsi għall-adattament għal soluzzjonijiet komuni tal-IT; jinnota, b'mod partikolari, li l-Awtorità wettqet attivitajiet ta' koordinazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini;

6. Jenfasizza l-fatt li, fl-2021, l-Awtorità ffinalizzat 704 mistoqsija permezz ta' opinjonijiet xjentifiċi, rapporti tekniċi u pubblikazzjonijiet ta' sostenn, jiġifieri 81 inqas mis-785 li kienu ppjanati;

Politika dwar il-persunal

7. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2021, it-tabella tal-persunal kellha rata ta' implimentazzjoni ta' 98,16 %, b'5 uffiċjali u 368 aġent temporanju maħtura mit-total ta' 380 post tax-xogħol awtorizzati fl-ambitu tal-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 354 post awtorizzati fl-2020); jinnota li, barra minn hekk, 140 aġent kuntrattwali u 12-il espert nazzjonali sekondat ħadmu għall-Awtorità fl-2021; jinnota wkoll li l-Awtorità ngħatat 33 post tal-persunal ġdid għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1381;

8. Jilqa' l-bilanċ tal-ġeneru fi ħdan il-membri tal-maniġment superjuri tal-Awtorità, fejn 3 minn 5 (60 %) huma nisa; jinnota l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bord ta' ġestjoni tal-Awtorità, fejn 12 minn 15 (80 %) huma rġiel; jinnota l-bilanċ bejn il-ġeneri fi ħdan il-persunal ġenerali tal-Awtorità, fejn 285 minn 467 (61,03 %) huma nisa;

9. Jilqa' l-Istrateġija l-ġdida tal-Awtorità dwar ir-Reputazzjoni ta' Min Iħaddem, li fiha deskrizzjoni ċara dwar il-prospetti tal-valur tagħha, bħal kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli u appoġġ għar-rilokazzjoni fost oħrajn, biex jitjieb it-tixrid immirat tal-postijiet vakanti tagħha lejn pajjiżi sottorappreżentati; jinnota li l-Awtorità ppjanat li toħloq sit web ġdid dwar il-karrieri; jinnota li l-Awtorità qed iżżid, b'mod partikolari, il-viżibbiltà tagħha bl-appoġġ tad-Dipartiment tal-Komunikazzjoni u s-Sħubija, in-Network tal-Aġenziji tal-UE, kif ukoll aġenziji internazzjonali u organizzazzjonijiet oħra; jistieden lill-Awtorità tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward;

10. Jinnota ċerti limitazzjonijiet fl-applikazzjoni tar-regoli reċenti proposti mill-Kummissjoni Ewropea dwar it-telexogħol, li l-Awtorità tapplika b'analoġija, b'mod partikolari fir-rigward tat-telexogħol parzjali barra mill-pajjiż tal-impjieg; jinsab imħasseb dwar il-fatt li r-regoli limitati attwali dwar it-telexogħol barra mill-pajjiż jista' jkollhom impatt fuq l-attraenza tal-Awtorità meta tirrekluta kandidati mill-Istati Membri differenti tal-UE li jixtiequ jissieħbu mal-Awtorità; jappella għal aktar flessibbiltà fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, peress li dan jikkontribwixxi biex l-Awtorità tkun aktar attraenti u jkun hemm bilanċ aħjar f'termini ta' nazzjonalità tal-persunal tagħha.

11. Jinnota li l-Awtorità għandha politika dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni ta' fastidju psikoloġiku u sesswali, li tinkludi li jkun hemm disponibbli konsulenti kunfidenzjali għall-persunal kollu;

12. Ifakkar fl-importanza li tiġi żviluppata politika tar-riżorsi umani fit-tul dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-għoti ta' possibbiltajiet ta' taħriġ speċifiku għall-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-persunal, it-telexogħol, id-dritt għall-iskonnessjoni, it-titjib ta' bilanċ ġeografiku biex ikun hemm rappreżentanza xierqa mill-Istati Membri kollha, u r-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà kif ukoll l-iżgurar li jiġu ttrattati b'mod ugwali u li l-opportunitajiet tagħhom jiġu promossi b'mod wiesa';

Akkwist

13. Jinnota li fl-2021 l-Awtorità mmaniġġjat 116-il proċedura ta' akkwist u l-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku tagħha rrieżamina 16-il fajl bl-għan li jivverifika l-legalità u r-regolarità ta' proċeduri ta' akkwist kbar qabel il-firma tal-kuntratt propost; jinnota li għas-16-il fajl kollha, il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku seta', fir-rwol konsultattiv tiegħu, jivverifika b'aċċertament raġonevoli li l-proċeduri ta' akkwist u l-kuntratti riżultanti huma regolari u legali;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

14. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti u l-isforzi kontinwi tal-Awtorità biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-protezzjoni tal-informaturi; jiddispjaċih li l-Awtorità għadha ma tippubblikax is-CVs tal-membri tal-bord ta' ġestjoni online; iħeġġeġ lill-Awtorità tieħu miżuri f'dak ir-rigward;

15. Jinnota li fl-2021 l-Awtorità identifikat u mmaniġġjat disa' kunflitti ta' interess fil-livell ta' dikjarazzjonijiet ta' interessi annwali li jappartjenu għal esperti esterni; jinnota li l-Awtorità ddeċidiet li ma tirreklutax wieħed mill-kandidati magħżula minn qabel wara evalwazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' interessi; jinnota li l-Awtorità, barra minn hekk, identifikat u evitat tliet kunflitti ta' interess fil-livell tal-proċeduri ta' akkwist u ta' għoti; jistieden lill-Awtorità tkompli bl-isforzi tagħha fl-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, inklużi kunflitti ta' interess potenzjali, u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata;

16. Jistieden lill-Awtorità tiżgura li l-maniġment u l-membri konsultattivi kollha, is-sostituti tagħhom u esperti oħra jkunu ppreżentaw id-dikjarazzjonijiet ta' interess annwali; jistieden lill-Awtorità tiżgura livell għoli ta' konformità mar-regoli dwar il-kunflitt ta' interess u t-trasparenza fl-attivitajiet kollha tagħha;

17. Jinnota li għall-2022 l-Awtorità ppjanat li tadotta approċċ ġdid ta' wara l-impjieg li jinkludi l-kriterji u l-proċedura li jitwaqqaf l-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali lill-persunal li jitlaq mis-servizz; jistieden lill-Awtorità tirrapporta dwar kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward;

18. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti aktar regoli sistematiċi dwar it-trasparenza, l-inkompatibbiltajiet, il-kunflitt ta' interessi, il-lobbjar illegali u r-revolving doors; jistieden lill-Awtorità ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kontroll intern tagħha, inkluż l-istabbiliment ta' mekkaniżmu intern kontra l-korruzzjoni;

Kontroll intern

19. Jinnota li l-Awtorità wettqet valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern tagħha għas-sena ta' rapportar u kkonkludiet li, b'mod ġenerali, il-komponenti u l-prinċipji kollha ta' kontroll intern kienu preżenti u jiffunzjonaw kif maħsub; jilqa' l-fatt li l-Awtorità minkejja dan identifikat għadd ta' miżuri biex tkompli ssaħħaħ il-ġestjoni ta' informazzjoni sensittiva, u biex tiżgura ġestjoni tar-riskju adegwata, mekkaniżmi ta' kontroll intern għaż-żieda fil-fondi b'riżultat tar-Regolament (UE) 2019/1381;

20. Jinnota li wara l-awditu tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) dwar il-valutazzjoni u l-adozzjoni ta' eżiti xjentifiċi fil-qasam tal-ingredjenti u l-imballaġġ tal-ikel fl-2020, l-osservazzjoni ġiet implimentata u hija kkunsidrata kompluta mill-Awtorità;

21. Jinnota li fl-2021, l-IAS ħareġ rapport finali dwar il-proċessi ta' akkwist u ta' għoti fl-Awtorità li jkopri s-snin 2019-2020; jinnota li l-IAS ikkonkluda li l-qafas ta' governanza, ġestjoni tar-riskju u kontroll intern stabbilit mill-Awtorità għall-proċessi ta' akkwist u ta' għoti tagħha huwa ddisinjat b'mod adegwat, effiċjenti u effettiv, u għalhekk jipprovdi aċċertament raġonevoli li ntlaħqu l-objettivi prinċipali ta' kontroll intern; jinnota li l-IAS ħareġ tliet rakkomandazzjonijiet importanti; jistieden lill-Awtorità tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward;

22. Ifakkar fl-importanza li jissaħħu s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Awtorità; jinsisti b'saħħa fuq ir-rekwiżit ta' sistemi effettivi ta' ġestjoni u kontroll biex jiġu evitati każijiet potenzjali ta' kunflitt ta' interess, kontrolli ex ante u ex post neqsin, ġestjoni inadegwata ta' impenji baġitarji u legali, u nuqqas li jiġu rrapportati kwistjonijiet fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet;

23. Jinnota li l-azzjonijiet korrettivi biex jiġu segwiti l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-2020 tlestew; ifakkar fil-ħtieġa li jitlestew l-azzjonijiet korrettivi biex jiġu segwiti l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-2017, b'mod partikolari biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-uffiċjal tal-kontabbiltà billi dawn jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tad-Direttur tal-Awtorità;

Diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika

24. Jinnota l-iżviluppi fl-oqsma tal-provvista ta' servizzi tranżazzjonali, il-kollaborazzjoni diġitali u l-pjan direzzjonali teknoloġiku tal-Awtorità; jinnota l-għan tal-Awtorità li toħloq ambjent tax-xogħol aktar modern u aġli bit-twettiq ta' investimenti fl-IT, li kienu saru fil-pjan direzzjonali teknoloġiku preċedenti u li għenu biex jiġi evitat tfixkil sever fil-ħidma tal-Awtorità matul il-pandemija tal-COVID-19; jilqa' l-proġett ta' kollaborazzjoni diġitali maħsub biex jitjieb l-iskambju ta' għarfien u kompetenzi fi ħdan in-networks tal-Awtorità ta' persunal, esperti u partijiet interessati; jinnota li l-proġett ta' Kollaborazzjoni Diġitali qabeż il-mira ta' 170 grupp ta' kollaborazzjoni soċjali attiv fl-2021, ladarba għandu 204 gruppi attivi;

25. Jinnota l-implimentazzjoni tal-għodda tal-IT imsejħa "soluzzjoni kompleta tal-IT għad-dikjarazzjonijiet ta' interessi" bl-għan li jiġu implimentati attivitajiet relatati mal-indipendenza li jinkludu t-tgħarbil tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi suġġett għar-regoli tal-Awtorità dwar l-indipendenza; jinnota bi tħassib li s-soluzzjoni tal-IT il-ġdida esperjenzat problemi tekniċi li affettwaw b'mod negattiv l-implimentazzjoni ta' tali attivitajiet; jistieden lill-Awtorità tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward;

26. Ifakkar fl-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija f'termini ta' operazzjoni u ġestjoni interni iżda wkoll sabiex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-aġenzija tkun proattiva f'dak ir-rigward sabiex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-aġenziji; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-sigurtà online tal-informazzjoni pproċessata;

27. Iħeġġeġ lill-Awtorità taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u maċ-CERT-UE (l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej), u twettaq valutazzjonijiet tar-riskju regolari tal-infrastruttura tal-IT tagħha u tiżgura li jsiru awditi u testijiet regolari tad-difiżi ċibernetiċi tagħha; jissuġġerixxi li toffri regolarment programmi ta' taħriġ aġġornati relatati maċ-ċibersigurtà għall-membri kollha tal-persunal, inkluż il-maniġment, fl-Awtorità;

Kontinwità tal-operat matul il-kriżi tal-COVID-19

28. Jinnota li fl-2021 l-Awtorità kompliet bl-attivitajiet tagħha u kienet kapaċi twettaq il-programm ta' ħidma tagħha minkejja l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19; jinnota li l-Awtorità ssospendiet il-missjonijiet tal-persunal tagħha, kif ukoll il-laqgħat/l-avvenimenti fiżiċi u tat prijorità lill-virtwalizzazzjoni, u b'hekk naqqset il-baġit fl-ispejjeż fil-linji baġitarji relatati meta mqabbla mas-sena finanzjarja 2020; jinnota, barra minn hekk, li ġie pospost id-dħul lura tal-persunal fl-uffiċċju u ġie promoss it-telexogħol; iħeġġeġ lill-Awtorità tuża t-tagħlimiet meħuda rigward l-ivvjaġġar tal-persunal sabiex, fil-futur, torganizza aħjar il-laqgħat u l-kompiti li jistgħu jsiru b'mod aktar effiċjenti b'mod remot milli wiċċ imb wiċċ;

29. Jinnota li l-Awtorità fl-2021 bdiet tuża modulu ta' onboarding elettroniku fl-Għodda ta' Reklutaġġ Taleo, li timmaniġġja u tappoġġja l-onboarding ta' persunal u apprendisti permezz ta' soluzzjoni awtomatika li ġiet adattata ulterjorment għas-sitwazzjoni ta' pandemija;

Kummenti oħra

30. Jinnota l-isforzi tal-Awtorità biex iżżid l-għarfien dwar is-sikurezza tal-ikel fost il-pubbliku inġenerali permezz tat-tnedija tal-ewwel kampanja pan-Ewropea tagħha ta' komunikazzjoni diġitali fl-2021, bl-għan li tispjega x-xjenza wara s-sikurezza tal-ikel fl-Unjoni b'mod aċċessibbli u li tgħin biex isiru deċiżjonijiet infurmati dwar l-għażliet tal-ikel; jinnota li l-kampanja twettqet bi shubija mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mmirat direttament udjenzi mhux speċjalizzati; jinnota b'apprezzament ir-riżultati pożittivi, ivvalutati minn stħarriġ ta' evalwazzjoni ta' wara l-kampanja;

31. Jenfasizza li l-awtorizzazzjoni rapida ta' addittivi fl-għalf sostenibbli u alternattivi sostenibbli għall-pestiċidi għandha rwol importanti biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"; jenfasizza f'dan ir-rigward li kapaċità suffiċjenti f'termini ta' persunal u l-għarfien espert rispettiv tagħhom hija essenzjali sabiex jiġi evitat dewmien fil-proċeduri ta' applikazzjoni u valutazzjoni għall-approvazzjoni ta' addittivi fl-għalf sostenibbli u alternattivi sostenibbli għall-pestiċidi;

32. Ifakkar li fl-2021, il-Parlament adotta sitt oġġezzjonijiet għall-importazzjoni ta' għelejjel ġenetikament modifikati għall-ikel u l-għalf; jenfasizza li waħda mir-raġunijiet għal dawn l-oġġezzjonijiet huma l-lakuni fil-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Bord dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati tal-Awtorità; iħeġġeġ lill-Awtorità tindirizza u tagħlaq dawn il-lakuni b'urġenza;

33. Jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet persistenti fil-qasam tal-benessri tal-annimali, b'mod partikolari, iżda mhux limitat għat-trasport ta' annimali ħajjin; jilqa', f'dan il-kuntest, il-bidu ta' ħidma fuq sensiela kbira ta' mandati għall-benessri tal-annimali li jikkonċernaw, b'mod partikolari, it-trasport tal-annimali, li se jifforma l-bażi ta' leġiżlazzjoni ġdida li qed tiġi abbozzata f'dan il-qasam;

34. Jistieden lill-Awtorità tkompli tiżviluppa s-sinerġiji tagħha (pereżempju r-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà), u tirrinforza l-kooperazzjoni, l-iskambju ta' prattiki tajba u d-diskussjonijiet tagħha fir-rigward ta' oqsma ta' interess reċiproku ma' aġenziji oħra tal-Unjoni bl-għan li tittejjeb l-effiċjenza;

35. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 ([4]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([4]) Testi adottati, P9_TA (2023)0190.